MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 264/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom John Formosa u l-istess John Formosa f'ismu proprju**
**vs**

**Joseph Magro**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fid-29 ta' Jannar 2003, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm532.00) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nominee fuq il-vettura FAA-673 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nominee jinsab surrogat fid-drittijiet ta' John Formosa u dan billi fit-3 ta' Mejju, 2002, go l-Imsida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura GRN-222 habat mal-vettura FAA-673 ta' l-Atlas Insurance Agency Limited u misjuqa minn John Formosa, u ghal**

**liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2002 u tal-21 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghax tat-8% fuq hames mija u tnejn u tletin lira (Lm532.00) mis-27 ta' Awissu, 2002 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali kontra SMS Insurance Agency, assiguraturi tal-konvenut, liema ittra ufficjali hi rikjesta mill-Ligi, u hmistax-il lira (Lm15) tal-konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 245 Keith Arnaud, Joe Formosa u Dr Renato Cefai. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi jirrizulta li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut li kien qed isuq bejn karreggjata u ohra, u ma kienx qed izomm fil-karreggjata tieghu. L-attur ma ghandu ebda htija ghal incident li sehh. L-attur kellu hsarat fuq il-bibien tal-lemin u fuq il-mudguard tal-lemin fuq wara, kif ukoll fuq il-mera tal-lemin ta' quddiem.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u tletin lira (Lm532.00) bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Awissu, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2002 u tal-21 ta' Ottubru, 2002, mis-27 ta' Awissu, 2002 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali kontra SMS Insurance Agency, assiguraturi tal-konvenut, u hmistax-il lira (Lm15) tal-konsult ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------